# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 18**

**Rikors numru 552/24/1 HM**

**L-Avukat Dottor Nicholas Valenzia bħala mandatarju speċjali**

**għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera**

**FDC YAT TICARET ANOMIN SIRKETI**

**v.**

**Thomas Berger bħala proprjetàrju tal-yacht 'M/Y NASHIRA'**

1. Dan hu appell tas-soċjetà attriċi mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tat-12 ta' Diċembru 2024 fejn ċaħdet it-talba tal-istess soċjetà għall-ħruġ ta' miżura kawtelatorja sabiex ma jsirx negozju jew ipoteki dwar bastiment jew xi sehem fih, proprjetà tal-konvenut skont l-**Artikolu 37(1) tal-Kap. 234**.

2. It-talba attriċi saret billi skont hi l-konvenut għandu bilanċ ta' debitu dovut għal manutenzjoni u tiswijiet fuq il-*yacht* M/Y NASHIRA u għalhekk talbet il-ħruġ tal-ordni biex tippreżerva d-drittijiet tagħha sakemm tiġi deċiża l-pretensjoni fil-mertu meħuda bi proċedura ta' arbitraġġ f'Londra.

3. L-Ewwel Qorti qieset li l-ordni tinħareġ jekk ikun xieraq. Għalkemm ma għandhiex tqis il-mertu, billi kull ma trid issib il-Qorti hu li hemm bażi ta' pretensjoni tajba biżżejjed biex timmerita li titqiegħed fiż-żgur, madankollu xorta jrid isir eżami fil-mertu li jkun limitat biss biex il-Qorti tara jekk il-każ hux tali li jqajjem kwistjoni ta' dritt u/jew ta' fatt li għandu jiġi deċiż wara indaġni sħiħa. Minn ottika differenti jrid jitqies jekk il-każ hux frivolu jew vessatorju. Il-Qorti madankollu trid tieħu pożizzjoni dwar il-mertu fuq il-provi u sottomissjonijiet limitati li jinġiebu quddiemha.

4. Wara li xtarret il-punti limitati li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti sabet li dak mistqarr mis-soċjetà attriċi ma hux sostnut mill-provi. Qalet hekk:

*F'para 5 tar-rikors ġuramentat jingħad hekk:*

> *«Illi fl-ewwel ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (01/11/2022), il-partijiet daħlu fi ftehim 'Addendum One' dwar l-estensjoni tad-data tal-konsenja, il-penali fil-każ tan-nuqqas ta'*

*konsenja tax-xogħlijiet pendenti, u l-ħlas tal-ammont totali pendenti, liema ftehim qed jiġi hawn anness u immarkat bħala* **Dok D.** *F'dan il-ftehim, is-Sur Berger irrinunzja għall-penali li kienu akkumulaw taħt il-kuntratti ta' manutenzjoni u tiswija;*

*Iżda, fl-Addendum One,*[1] *dak li kienu ftehmu l-partijiet kien li (i) sad-data l-ġdida prospettata biex jiġi kkonsenjat il-yacht ' ... a total of EUR 105,000 will accrue under both Contracts as a penalty ..."; u (ii) li '[t]he Owner accepts and undertakes to waive this Penalty, provided that the Vessel is delivered by the Contractor until 22nd November 2022."*

*Para 5 jagħti impressjoni ħażina in kwantu jgħid li l-partijiet ftehmu dwar 'il-penali fil-każ ta' nuqqas ta' konsenja'. Iżda l-ftehim dwar il-penali kien ġa qiegħed fil-ftehim ta' qabel, dwar it-tiswijiet. Dak li ġie miftiehem fl-Addendum One - jew aħjar rikonnoxut minn FDC - kien l-ammont ta' penali li kien ġa akkumulat taħt il-ftehim anteċedenti, u li kien għad irid jakkumula sad-data l-ġdida, dejjem taħt dawk il-kuntratti.*

*Iktar serja hi l-aħħar kostatazzjoni fattwali ta' FDC fejn jingħad li fl-Addendum One "is-Sur Berger irrinunzja għall-penali li kienu akkumulaw taħt il-kuntratti ta' manutensjoni u tiswija".*

*Dan mhux minnu. Meta ffirma l-Addendum One, is-sur Berger ma rrinunzja għal xejn. Intrabat li jirrinunzja, fil-futur, mhux biss għall-penali li, sa dakinhar tal-Addendum One, kien ġa akkumulaw, iżda wkoll għall-penali li għad kellhom jakkumulaw, imma taħt kondizzjoni: u ċjoè li l-yacht jiġi kkonsenjat sat-22 ta' Novembru 2022.*

*L-Addendum One ddispona ukoll (ara klawżola 7) li jekk il-bastiment ma ġiex ikkonsenjat sat-22 ta' Novembru 2022 allura l-penali titnaqqas mill-prezz taħt iż-żewġ kuntratti u, jekk ikun għad fadal bilanċ, hu dak il-bilanċ li kellu jitħallas lil FDC. U klawżola 6 ipprovdiet (inter alia) li jekk ix-xogħolijiet ma jkunux tlestew sal-imsemmija data, ċertu Hasan Üstün, maħtur minnhom bħala joint surveyor, kellu jħejji rapport sat-23 ta' Novembru 2022. Ir-rapport tiegħu kellu jkun finali, u jorbot.*

*FDC ma ressqitx kopja ta' dan ir-rapport. Minflok, FDC tagħmel referenza għal survey li sar fid-19 ta' Diċembru 2022 (ara premessa 8) u dokument maħruġ minn RINA, classification society, datat 21 ta'*

---

[1] Dok D, paġna 17

*Novembru 2022 (Dok H), li t-tnejn suppost li juru – preżumibbilment - li l-bastiment kien tlesta skont l-Addendum One.*

*Jekk induru għall-provi mressqa mis-sur Berger, insibu hu ressaq il-prova li FDC injorat. Dan hu r-rapport datat 23 ta' Novembru 2024 li l-joint surveyor kien bagħat liż-żewġ partijiet,[2] u li fih ikkonkluda hekk:*

> *"As a conclusion ... Findings items numbers: 1, 2, 3, 5, 6 and 8 are affacting seaworthiness or safety of the vessel and require immediate attention at the presence of the RINA.*
>
> *Other Findings items numbers: 4, 7 and 9 are not requiring immediate attention but are to be monitored and/or dealt with at the earliest convenience and if the items can not be resolved prior to the departure the RINA is to be informed by the Owner about the finding in order to get sailing permission."*

*Dan is-survey juri li, fit-22 ta' Novembru 2022, il-bastiment ma kienx għadu lest biex jiġi kkonsejnat. Fil-fatt, kif jirriżulta minn Dok F imressaq minn FDC, il-bastiment ġie kkonsenjat lura fid-9 ta' Diċembru 2022.*

*Is-survey datat 19 ta' Diċembru 2022 ma jipprova xejn dwar l-istat tal-bastiment fit-22 ta' Novembru 2022. Fir-rigward ta' dak ta' RINA, dan ma kienx is-survey miftiehem mill-partijiet fl-Addendum No. 1 li kellu jsir; u, fi kwalunkwe każ, jidher li, fil-fatt, RINA ma kienitx għadha lestiet it-testijiet tagħha u ma kienitx għadha ħarġet iċ-ċertifikati meħtieġa.[3] Jiġifieri dawk id-dokumenti m'għandhom ebda relevanza kontrattwali, u t-tieni dokument lanqas jidher li jagħmel il-prova mixtieqa minn FDC.*

*FDC għalhekk ma ressqitx il-prova li kienet ftehmet hi stess dwarha għall-konsiderazzjoni tal-qorti. Injoratha, u minflok ressqet provi ta' ebda, jew ta' lanqas kważi ebda, relevanza.*

*FDC naqset ukoll tfiehem sewwa l-pożizzjoni fir-rigward tad-depożitu tal-bilanċ tal-prezz li kien sar mis-sur Berger. Kif qalet FDC, il-partijiet kienu, meta ftehmu fuq Addendum One, flimkien qabbdu li s-sur Sinan Şenol, bħala depożitarju. Dan tqabbad b'escrow agreement tas-17 ta' Diċembru 2022.[4] Issa skont klawżola 8.8(b) ta' dak il-ftehim, fin-nuqqas ta' konsenja tal-bastiment sat-22 ta' Novembru 2022 skont*

[2] Dok AC1, paġni 45 – 54
[3] Ara C2 fir-rapport ta' Hasan Üstün, paġna 53
[4] Dok E, paġni 18 - 24

*rapport ta' Hasan Üstün, allura l-penali kellha tiġi applikata kontra FDC; u billi l-penali kienet teċċedi l-bilanċ, allura l-bilanċ seta' jiġi rilaxxat favur is-sur Berger, fuq talba tiegħu. Skont ix-xhieda ta' Sinan Şenol:*

*"I confirm that in terms of clause 8.8b ... and in the light of the report of Mr Hasan Ustun dated the 23rd of November 2022 ...the amount placed by Mr Berger in escrow was to be returned to Mr Berger ... [5]"*

*Irid jingħad ukoll li għalkemm ingħatat l-opportunità li tressaq provi biex issostni l-każ tagħha fuq bażi prima facie, FDC għażlet li tressaq biss affidavit tal-mandatarju tagħha li fih ikkonferma (i) dak kollu li ntqal fir-rikors promutur (inklużi d-dokumenti); u (ii) li kienu nbdew proċeduri ta' arbitraġġ f'Londra fil-mertu.[6] Il-mandatarju qal li l-fatti huma magħrufa lilu personalment.*

*Issa meta FDC ressqet dan l-affidavit, kienet ġa rat ir-risposta ġuramentata tas-sur Berger u kif ukoll ir-risposta tiegħu dwar it-talba għal miżura proviżorja, li magħha kien hemm anness ir-rapport tas-sur Üstün. FDC baqgħet siekta dwar il-mertu anki fin-noti ta' osservazzjonijiet tagħha, preżumibbilment għaliex, fil-fehma tagħha, il-qorti hi prekluża assolutament milli tqis il-mertu.*

*Dan is-skiet, meqjus fid-dawl ta' dak li hemm fid-dokumenti mressqa minn FDC stess, u fil-kuntest ta' dak kollu li ntqal mis-sur Berger, iżid mal-konvinċiment tal-qorti li s-sur Berger m'għandux, kif jingħad bl-ingliż, a case to answer; jew, mill-perspettiva ta' FDC, li hi għandha każ serju xi tressaq. Lanqas is-suppost riżerva li għamlet FDC, fl-aħħar tan-nota tas-16 ta' Settembru 2024 ma hi suffiċjenti. FDC ingħatat l-opportunità li tressaq sottomissjonijiet dwar il-kwistjoni li qed tiġi trattata hawn kemm mill-aspett proċedurali u kif ukoll mill-aspett sostantiv; u setgħet, kieku riedet, għamlet sottomissjonijiet sostantivi mingħajr preġudizzju għal dawk proċedurali. Ma ħaditx l-opportunità; li hi għażla tagħha.*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, filwaqt li ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tqis l-eċċezzjonijiet l-oħra tas-sur Berger, tqis li FDC ma wrietx li għandha każ x'jitressaq, u għalhekk tiċħad it-talbiet tagħha. Fid-dawl ta' din id-deċiżjoni, il-qorti qiegħda tirrevoka d-digriet tagħha tas-17 ta' Mejju 2024.*

*L-ispejjeż tħallashom FDC. »*

---

[5] Paġna 95, fuq wara

[6] Ara affidavit ta' l-avukat Dr Nicholas Valenzia tal-14 ta' Awwissu 2024, paġna 80. Il-fatt li nbdew proċeduri arbitrali mhux kontestat.

5. Is-soċjetà attriċi appellat b'żewġ aggravji.

6. Fl-ewwel aggravju tgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset f'paragrafu 11 tad-deċiżjoni, li biex tasal għal deċiżjoni kellha tidħol fil-mertu biex tistħarreġ jekk l-attur kellux ċans realistiku ta' suċċess wara s-smigħ. Il-liġi ssemmi biss bażi ta' pretensjoni mingħajr ma jiġi kkunsidrat hix fondata fil-mertu jew le, tant hu hekk li l-pretensjoni hi soġġetta għall-proċedura ta' arbitraġġ. Il-livell ta' prova meħtieġa skont l-**Artikolu 37** hi aktar baxxa minn dak rikjest f'kawża. Għalkemm l-Ewwel Qorti kkwotat ġurisprudenza dwar dan għażlet li tidħol fil-mertu u kkummentat fuq il-provi mressqa mis-soċjetà attriċi b'mod negattiv. Bil-kontra ta' dak li sabet l-Ewwel Qorti s-soċjetà attriċi ppruvat li l-partijiet qed jikkontestaw jekk ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswija tlestewx kif miftiehem u l-ammont bilanċjali dovut li dan hu evidenti mid-dokumenti preżentati. Għalkemm il-Qorti kkummentat li ma ġiex preżentat is-*survey* tas-*surveyor* Hasan Üstün, ġie preżentat is-*survey* maħruġ mill-Qorti tat-Turkija mnejn jirriżulta illi l-bilanċ dovut tas-soċjetà attriċi għadu pendenti.

7. Fit-tieni aggravju jingħad li għall-fini tal-pretensjoni, is-soċjetà attriċi, ppreżentat id-dokumenti li juru n-natura tal-pretensjoni fis-sens li hemm bilanċ mhux imħallas.

8. Jekk il-Qorti riedet tistħarreġ b'mod dettaljat tali pretensjoni messha għarfet b'dan lill-partijiet u mhux attribwiet *male fede* lis-soċjetà attriċi mingħajr ma ngħatat l-opportunità li tressaq il-każ tagħha b'mod xieraq.

9. L-appellant irrisponda għal dawn l-aggravji billi spjega li l-Qorti mxiet mal-ġurisprudenza u l-liġi fid-deċiżjoni tagħha dwar jekk is-soċjetà attriċi wrietx bażi ta' pretensjoni għall-ħruġ tal-ordni u li jekk jirriżulta li l-provi quddiemha ma jwasslux lil Qorti għall-konvinċement li hemm prospett realistiku ta' suċċess fil-mertu tal-azzjoni l-ordni ma tinħariġx. L-Ewwel Qorti qieset li mill-fatti ma rriżultax bażi ta' pretensjoni billi l-ammont bilanċjali dovut fil-ftehim bejn il-partijiet kien assorbit bil-penali għad-dewmien.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

10. Dan l-appell ma jistħoqqlux jiġi milqugħ. Issir referenza għall-verbal tal-Qorti tal-10 ta' Lulju 2024 fejn jingħad hekk:

> *«Il-partijiet qegħdin jaqblu li l-Qorti għandha tqis il-pożizzjoni fattwali tagħhom fuq il-bażi ta' affidavits rispettivi mingħajr ma jsir kontro-eżami tax-xhieda li tressqu. Dan billi dak li għandha tqis il-Qorti hu fuq bażi prima facie biss. Jaqblu wkoll li wara li jidħlu dawn l-affidavits*

*b'dokumenti jekk hemm bżonn, għandhom jgħaddu għan-noti ta' sottomissjonijiet u l-kawża tibqa' għas-sentenza.*

*L-affidavits għandhom jitressqu kontemporanjament sal-15 ta' Awwissu 2024.*

*In-noti għandhom jitressqu kontemporanjament sal-15 ta' Settembru 2024.*

*Din għandha tkun limitata għall-kontezzjoni tal-konvenut li l-pretensjoni tal-attur biex ma' tirriżultax prima facie.»*

11. Kif qalet l-Ewwel Qorti l-bażi tal-pretensjoni kellha tirriżulta mill-provi limitati mressqa miż-żewġ partijiet. Il-qies tal-ġudizzju tal-Ewwel Qorti kellu jinsab biss f'dak imressaq mill-partijiet. Il-liġi fl-**Artikolu 37(1)** hi ċara. Ordni ta' projbizzjoni toħroġ biss jekk il-Qorti jidhrilha xieraq. Skont il-ġurisprudenza l-Qorti tistħarreġ jekk il-provi mressqa jurux bażi ta' pretensjoni li mhix frivola jew vessatorja. Biex isir hekk il-Qorti trid tesplora l-mertu b'mod limitat għal dak pretiż ma' dak imressaq mill-partijiet bħala ġustifikazzjoni għal pretensjoni b'dan li bilfors trid tqis jekk minn dak prodott għall-fini tal-ħruġ tal-ordni hemmx possibiltà realistika ta' suċċess fil-mertu. Jekk ma jsirx hekk il-ħruġ ta' ordni jista' jsir b'mod awtomatiku bla smigħ tal-partijiet.

12. Jista' jkun li l-Ewwel Qorti kkummentat b'mod skjett fuq l-imġiba attriċi fil-mod selettiv tal-provi miġjuba però jibqa' indubitat illi qieset il-mertu tal-pretensjoni ma' dak imressaq għal ħruġ tal-ordni, b'mod legalment korrett.

13. Il-pretensjoni fil-mertu tal-attriċi hi ħlas ta' bilanċ dovut lilha għal xogħol ta' manutenzjoni fuq il-*yacht* tal-konvenut fl-ammont ta' €93,000 miżmuma '*in escrow*'. Dan il-ħlas kellu jsir wara *survey* miftiehem skont '*Addendum One'* tal-ftehim bejn il-partijiet fejn kien prospettat penali ta' €105,000 favur il-konvenut li jiġu rinunzjati mill-istess konvenut jekk il-vapur jiġi konsenjat lilu mill-attur sat-22 ta' Novembru 2022. Irriżulta wkoll skont *Addendum One* li jekk x-xogħlijiet fuq il-vapur ma jkunux lesti ċertu Hasan Üstün kellu jħejji rapport finali u li jorbot. Dan ir-rapport tlesta fit-23 ta' Novembru 2024 u wera li l-vapur ma kienx lest għat-tbaħħir. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-bażi tal-pretensjoni attriċi kienet inxtorbot mill-penali dovuti u għalhekk għall-fini tal-ħruġ tal-ordni ma kienx hemm il-bażi tal-pretensjoni li setgħet twassal għal suċċess fil-mertu.

14. Mhux minnu dak li ssostni s-soċjetà appellanta li ma ngħatatx opportunità li tressaq provi aktar dettaljati. Il-piż tal-prova li tiġġustifika l-ħruġ tal-ordni taqa' fuq min jallega. Il-provi miġjuba mill-konvenut kienu disponibbli għas-soċjetà attriċi u hi għoġobha tistrieħ fuq rapport tekniku li sar aktar minn xahar wara dak miftiehem fl-*Addendum One*. Jista' jkun li fil-mertu dawn il-provi ser ikollhom relevanza għall-pretensjoni tal-ħlas tal-bilanċ allegatament dovut lis-soċjetà attriċi iżda għall-fini ta' din il-vertenza, il-Qorti ma kellhiex tidħol fiha kif fil-fatt ma għamlitx u straħet biss fuq dak li rriżultalha mad-daqqa ta' għajn.

15. L-aggravji qed jiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Dr Nicholas Valenzia *nomine* u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti b'dan li tagħmilha ċara li dik id-deċiżjoni għandha relevanza biss għall-fini tal-ħruġ tal-ordni taħt l-**Artikolu 37(1) tal-Kap. 234**. Spejjeż għas-soċjetà appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da